# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1189/00**

**Numru 30**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Sabina Vardas**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm335.48) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-konvenuta mis-socjeta attrici ghall-perijodu mit-23 ta' Mejju 1999 sas-26 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjonji.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-30 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm335.48,0 bl-imghaxijiet legali mill-5 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja imsemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg